**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 28 ta' Frar, 2023**

**Rikors Revoka Nru: 1177/2022 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru 1015/2022:

**Emanuel Spagnol**

**vs**

**Simon Gaetan Dominic Spiteri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Simon Gaetan Dominic Spiteri, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet tirrevoka l-mandat ta' sekwestru 1015/22 u tikkundanna lir-rikorrent sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disa' u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12).

Rat it-twegiba ta' Emanuel Spagnol.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' procedura odjerna Simon Spiteri qieghed jitlob lil din il-Qorti thassar mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fil-konfront tieghu minn Emanuel Spagnol sabiex dan tal-ahhar jikkawtela jedd li jsostni li ghandu ghal rifuzjoni ta' spejjez li kellu jinkorri minhabba agir ta' Simon Spiteri.  Il-pretensjoni ta' Emanuel Spagnol digà tinsab dedotta f'kawza mibdija kontemporanjament mal-mandat.

Doveruz ghall-Qorti ttenni l-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati fis-sens illi l-ezami li taghmel il-Qorti fi proceduri ta' din ix-xorta huwa limitat bl-iskrutinju profond jibqa' mholli ghall-kawza fil-mertu.  A skans ta' ripetizzjonijiet il-Qorti tirreferi ghad-decizjonijiet Camilleri vs Gove (10 ta' Mejju 2001) u Mercieca vs Galea (29 ta' Novembru 2011) fost hafna ohrajn. Dan premess, il-Qorti tqis illi Simon Spiteri isejjes it-talba tieghu fuq l-Art. 836(1)(d) li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv."*

Fil-kaz in ezami, l-unika raguni li jistrieh fuqha Simon Spiteri huwa l-fatt li ma gie prezentat ebda prospett mal-mandat.  Din

il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fid-digriet taghha C & F Building Contractors Limited vs Farrugia (25 ta' Awwissu 2014):

> *"il-ligi ma titlob imkien li, biex jista' jinhareg mandat kawtelatorju, ir-rikorrenti ifisser kif ikun mibni l-ammont minnu kawtelat."*

Tal-istess hsieb kienet il-Qorti fid-decizjoni Callus vs Cassar (21 ta' April 2014) fejn gie ritenut illi:

> *"mkien ma huwa mitlub fil-ligi li l-kreditur ezekutant ta' mandat kawtelatorju irid ta bilfors iressaq ukoll xi dokumenti li juru jew isahhu t-talba. Dak li titlob il-ligi huwa li r-rikorrenti, bil-gurament tieghu, jsemmi x'inhu l-origini tad-dejn u, ladarba l-pretensjoni hija dwar dejn jew talba li tkun sodisfatta bi hlas ta' ammont ta' flus, "l-ammont li ghalih tammonta t-talba".*

Il-Qorti ma ssib ebda raguni biex twassalha tiddipartixxi minn dan l-insenjament. Lanqas ma ssib li tghodd ir-raguni li l-mandat qieghed jikkreja inkonvenjent lil Simon Spiteri. L-inkonvenjenza li jgorr mieghu inevitabilment kull mandat ma tiggustifikax ic-cahda ta' jedd li ghandu kreditur li jikkawtela l-pretensjoni tieghu b'kull mezz li taghtih il-ligi.

Finalment ir-rikorrenti qieghed jitlob il-Qorti penali skond ma jipprovdi l-Art. 836(8)(b) li jipprovdi ghall-imposizzjoni ta' tali penali:

> *"(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:*
>
> *Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat."*

Fil-kaz in ezami, Emanuel Spagnol isostni illi huwa ilu li gharraf lil Simon Spiteri li kien qed jippretendi l-hlas. Issa kif irriteniet il-Qorti fid-decizjoni Fahrenheit Freight Forwarders Co Ltd vs Market Handle Limited et (23 ta' Dicembru 2011):

> *"ma tridx tkun ta' bilfors wahda solenni fis-sura ta' att gudizzjarju jew kawza formali, u bizzejjed tkun wahda verbali."*

Il-Qorti ghalhekk qeghda tichad it-talba ghall-imposizzjoni ta' penali.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta' Simon Gaetan Dominic Spiteri kontenuti fir-rikors tieghu tas-16 ta' Dicembru 2022.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF